**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 173/2018**

**KJ ('l-ilmentatrici')**

**vs**

***HSBC Bank Malta p.l.c.* (C3177)**

**('il-provditur tas-servizz'/'il-bank')**

**Seduta tal-25 ta' Novembru 2019**

**L-Arbitru ra l-ilment li fil-qosor huwa dan li gej:**

Illi l-ilmentatrici kellha kont bankarju mal-provditur tas-servizz. F'April 2019 irceviet *banker's draft* mahrug mill-*HSBC* mill-*Branch* ta' *Fenchurch Street,* Londra, fl-ammont ta' GBP3,700 u ddepozitatu fi *Sterling Account* li kellha mal-*HSBC* f'Malta u l-kont taghha gie ikkreditat bl-istess ammont.

Sussegwentement irceviet zewg *banker's drafts* ohra fl-ammont ta' GBP4,800 u GBP,4950 rispettivament, li t-tnejn li huma gew iddepozitati fl-istess *Sterling Account* illi kellha mal-*HSBC* f'Malta. Il-kont taghha gie ikkreditat b'dawn l-ammonti u kienet assigurata mill-impjegata tal-bank li l-flus kienu dahlu fil-kont taghha.

Abbazi tal-fatt li hija kienet giet assigurata mill-bank li l-flus kienu dahlu fil-kont taghha, hija ghamlet diversi pagamenti lil terzi li b'kollox kienu jammontaw ghall-€11,700.

Illi hija ssostni li hija sofriet dan id-dannu minhabba n-negligenza tal-bank jew l-impjegat tieghu u dan mhux biss ghaliex hija kienet giet assigurata min-naha tal-bank li l-flus kienu dahlu fil-kont taghha qabel ma pprocediet biex taghmel il-pagament imsemmija, imma ghaliex hija tippretendi illi meta l-*banker's draft*

ikun hareg mill-istess bank dawn setghu facilment jaghmlu verifiki aktar akkurati u, fl-ahhar nett, ghaliex jidher li ghal persuna b'certu tahrig, bhall-bankiera, kellu jirrizulta immedjatament u, *cioè,* mad-daqqa t'ghajn, illi d-d*rafts* kienu foloz.

Hija kienet ukoll infurmata minn wahda mill-impjegati li mad-daqqa t'ghajn kellu jkun ovvju li l-*banker's drafts* kienu foloz.

Hija qed titlob lill-Arbitru jordna r-rimbors mill-provditur tas-servizz tas-somma ta' €11,700.

**B'decizjoni tieghu tat-13 ta' Mejju 2019, l-Arbitru ddecieda li l-provditur tas-servizz kien kontumaci**.

Però, kif irritenew il-Qrati taghna diversi drabi, il-kontumacja hija kontestazzjoni[1] u xorta wahda, f'dan il-kaz, l-ilmentatrici trid tipprova l-kaz taghha.

Fil-limiti tal-kontumacja, l-Arbitru jrid iqis il-kaz skont il-provi mressqa mill-attrici.

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[2]**

Fil-qosor, l-ilmentatrici qieghda tilmenta li:

'*Abbazi tal-fatt illi jiena kont gejt assikurata mill-bank illi l-flus kienu dahlu fil-kont tieghi, jiena kont ghamilt diversi pagamenti lil terzi li b'kollox kienu jammontaw ghall-Euro 11,700,'*[3] u li t-telf li garrbet kien minhabba n-negligenza tal-bank ghaliex:

i) Giet assigurata mill-bank li l-flus kienu dahlu fil-kont taghha;

ii) Li peress li l-*bank drafts* in kwistjoni inhargu mill-istess *HSBC*, dawn setghu facilment jaghmlu l-verifiki;

iii) Ghaliex in-nies tal-bank li kellhom certu tahrig kellhom jindunaw mill-ewwel li l-*bank drafts* kienu foloz.

---

[1] Per ezempju, ***Tal-Franciz Construction Ltd vs Michael Ciappara*** **PA, 31/05/2013** u diversi sentenzi ohra li jistabbilixxu dawn il-kriterji.

[2] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

[3] *A Fol.* 4

Skont verbal tat-28 ta' Mejju 2019,[4] il-partijiet qablu li l-*bank drafts* in kwistjoni kienu foloz.

**Il-Fatti tal-Kaz**

Bhala provi, l-ilmentatrici ipprezentat *affidavit* taghha u ta' XX, u tellghet bhala xhud lil ZZ u pprezentat xi dokumenti.

Fl-*affidavit* taghha l-ilmentatrici tghid:[5]

Illi ghall-habta ta' Settembru 2017, l-ilmentatrici kienet rat reklam f'gazzetta lokali fejn kien qed jigi reklamat il-htiega ta' *Personal Assistant* u peress li kienet interessata f'dan il-post, kienet baghtet *email* fuq l-indirizz li kien hemm fir-reklam tat-12 ta' Settembru 2017, fejn xi zmien wara kienet giet infurmata li kienet inghatat ix-xoghol.

Fost affarijiet ohra, l-ilmentatrici giet infurmata li l-persuna li kienet ser tahdem ghaliha kienet gejja mal-familja taghha tghix Malta u din xtaqet li jkollha persuna f'Malta li tkun tista' tghinha fl-affarijiet taghha, inkluz *booking* ta' *flights, transfers* u dak kollu li kellha bzonn; u ghal dawn il-finijiet, l-ilmentatrici kellha bzonn certi fondi.

F'April 2018, l-ilmentatrici irceviet minghand l-*employer* taghha *email* jinfurmaha li kien baghtilha s-somma ta' £3,700 b'*bank draft*, li kienet tinkludi l-paga taghha. L-ilmentatrici irceviet dan il-*bank draft* ftit granet wara, li kien datat 11 t'April 2018, u kien mahrug mill-*HSBC Bank* ta' Londra bin-numru 328546.

L-ilmentatrici iddepozitat dan il-*bank draft* fl-i*Sterling Account* li ghandha mal-*HSBC* nhar l-14 t'April 2018. L-impjegata tal-bank qaltilha illi biex il-kont taghha jigi akkreditat b'dan l-ammont, dan kien ser jiehu bejn erbat ijiem sa massimu ta' erbghin gurnata. Fil-fatt, xi granet wara, l-kont tal-ilmentatrici gie akkreditat bis-somma msemmija u kienet irceviet dokument minghand il-bank fejn giet infurmata illi l-flus kienu dahlu fil-kont taghha.

L-ilmentatrici, meta kellha mohhha mistrieh li l-flus kienu dahlu fil-kont taghha, bdiet tesegwixxi l-ordinijiet li kienet qed tircievi minghand l-*employer* taghha; u

[4] *A Fol.* 91
[5] *A Fol.* 68-72

b'*email* datat it-22 t'April 2018, l-*employer* taghha qalilha kif ghandha tonfoq dawn il-flus. U l-ilmentatrici ghamlet kif qalilha l-*employer* taghha.

Xi zmien wara, l-ilmentatrici irceviet *bank draft* iehor fl-ammont ta' £4,800 datat 25 t'April 2018, bin-numru 328528, li ddepozitatu nhar it-28 t'April 2018, fejn din id-darba wkoll gie ikkreditat il-kont taghha bis-somma msemmija u fejn anke rceviet konferma ta' dan bil-miktub minghand il-bank.

Din id-darba wkoll, l-ilmentatrici irceviet struzzjonijiet minghand l-*employer* taghha dwar kif kellha tonfoq dawn il-flus, u galadarba kellha l-konferma minghand il-bank li dawn il-flus kienu dahlu fil-kont taghha, hija esegwixxiet l-istruzzjonijiet kif giet mitluba mill-*employer* taghha.

L-ilmentatrici irceviet *bank draft* iehor, datat 3 ta' Mejju 2018, bin-numru 3238557, fl-ammont ta' £4,950, fejn gie ddepozitat fil-kont taghha nhar is-7 ta' Mejju 2018, fejn ghal darb'ohra giet ikkonfermata li l-flus kienu dahlu fil-kont taghha u li hija setghet tuzahom.

L-ilmentatrici ipprezentat mal-*affidavit* taghha dokument Dok C fejn turi l-pagamenti li kienet ghamlet.

Fil-25 ta' Mejju 2018, l-ilmentatrici kienet cemplet il-bank fuq xi haga li ma kellha x'taqsam xejn ma' dawn il-*bank drafts,* u impjegata tal-bank, certu YYY, infurmatha li s-somma ta' £3,700 kienet *re-debited* mill-kont taghha ghax il-*bank draft* relattiv kien falz. Fuq *bank draft* fl-ammont ta' £4,800, din l-impjegata infurmatha li ma kienx hemm problemi u li kien *cleared*, filwaqt li fuq *bank draft* fl-ammont ta' £4,950, qaltilha li dan kien ser jigi *cleared* fl-1 ta' Gunju 2018.

Din l-impjegata qaltilha wkoll li kienet ser tircievi karta ufficjali mill-bank rigward is-somma ta' £3,700 li giet *re-debited.*

L-ghada l-ilmentatrici rceviet dan l-avviz u flimkien mal-*partner* taghha, XX, marret il-bank u tkellmet mal-*Manager* tal-*Branch* tar-Rabat, ZZ. Peress li YYY kienet kellmitha biss fuq il-problema rigward il-*bank draft* ta' £3,700, l-ilmentatrici tkellmet ma' ZZ fuq dan il-*bank draft* biss.

Meta l-ilmentatrici wriet l-ittra li rceviet flimkien ma' kopja tal-*bank draft* bl-ammont ta' £3,700, ZZ mill-ewwel qaltilha li kien ovvju li l-*bank draft* kien

iffalsifikat ghaliex hija qalet illi mhux suppost illi jkun hemm ismijiet fuq id-*draft*, u l-*embossed stamp* fin-nofs tan-naha ta' fuq tad-*draft* ma kinitx kif suppost.

ZZ infurmat lill-ilmentatrici li recentament il-bank kien ircieva rapporti simili ghal dak tal-ilmentatrici ta' *cheques/drafts* falsifikati u qaltilha biex tmur taghmel rapport tal-Pulizija kif ghamlu dawk li gew affettwati b'dan il-mod.

L-ilmentatrici marret taghmel rapport is-*CID*, Floriana, dakinhar stess wara nofsinhar, però, kellha terga' tmur l-ghada, s-27 ta' Mejju 2018, peress li l-persuna inkarigata kien ser ikun hemmhekk, u rrapportat kollox lill-Ispettur Rennie Stivala.

L-ilmentatrici regghet marret il-bank fit-2 ta' Gunju 2018, il-*Branch* tar-Rabat, u kellmet lil ZZ, li din ipprocediet sabiex taghlaq il-kont tal-bank numru 58017583001, peress li l-ilmentatrici riedet tassigura ruhha li hadd ma kien ser jabbuza mill-kontijiet tal-bank personali taghha.

Fuq struzzjonijiet ta' ZZ, l-ilmentatrici marret l-ghada, 3 ta' Gunju 2018, sabiex taghmel rapport iehor fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, liema rapport baghtitu lil ZZ fil-5 ta' Gunju 2018.

Wara dan, l-ilmentatrici irceviet ittra ohra mill-*HSBC,* datata d-29 ta' Mejju 2018, fejn giet infurmata li l-ammont ta' £4,950 kien *re-debited* mill-kont taghha billi l-*bank draft* relattiv kien falz.

Fil-25 ta' Gunju 2018, l-ilmentatrici uzat l-*internet banking* sabiex tara jekk l-ammont l-iehor ta' £4,800 kienx *re-debited* jew le mill-kont taghha, u rrizulta li dan l-ammont ta' £4,800 kien gie *re-debited* mill-kont taghha peress li l-*bank draft* relattiv kien falz.

Wara dan kollu, l-ilmentatrici baqghet qatt ma semghet xejn mill-*HSBC.*

Fl-*affidavit* tieghu XX jghid:[6]

Illi fis-26 ta' Mejju, 2018, hu mar flimkien ma' KJ l-*Branch* tar-Rabat tal-*HSBC,* fejn hemmhekk iltaqghu mal-*Branch Manager*, ZZ, biex ikellmuha fuq l-ammont ta' £3,700, illi kienu *re-debited* mill-kont ta' KJ.

---

[6] *A Fol.* 88

Meta ltaqghu ma' ZZ, din mill-ewwel qaltilhom li dan id-*draft* kien falsifikat ghaliex hija qalet li d-*drafts* ma jkollhomx l-ismijiet, u l-*embossed stamp* fin-nofs tan-naha ta' fuq tad-*draft* ma kinitx kif suppost.

ZZ qaltilhom li recentament kellhom kazijiet ohra simili ghal dan u, ghalhekk, qalet lil KJ sabiex tmur taghmel rapport tal-Pulizija.

ZZ, impjegata tal-provditur tas-servizz, imressqa mill-ilmentatrici xehdet hekk:[7]

*'Nghid li jien ili nahdem mal-HSBC ghal 23 sena u bhala Branch Manager, l-HSBC Rabat (Malta) ghal dawn l-ahhar seba' snin, u ghadni naghmel l-istess xoghol sal-lum.*

*Nghid li lil KJ niftakarha sew.*

*Nghid li fis-26 ta' Mejju 2018, li kien is-Sibt, KJ u XX gew ghandi l-branch ghax xtaqu jkellmuni wara li rcevew ittra mill-HSBC tat-23 ta' Mejju 2018, fejn hemm cekk li hu mmarkat Fraudulent. Peress li c-cekk kien migbud HSBC Fenchurch Street, London Branch, jien ovvjament hadt interess u anke ghax ridt naqdi mill-ahjar lill-klijenta.*

*Nghid li meta ahna nkunu ser naghmlu cheque deposit ta' cekk barrani, il-klijent, normalment, jigi ghand il-kaxxier. Peress li dak il-hin il-kaxxier ma jkunx jista' jivverifika c-cekk, ahna niehdu ftit taz-zmien biex nivverifikaw dak ic-cekk. Il-kaxxier, f'dak l-istadju, ma jkunx jista' jirrifjuta c-cekk ghaliex anke minhabba cross-border rules inkunu rridu nivverifikaw dak ic-cekk; u cekk biex jigi cleared mill-Ingilterra jghaddu 22 working days.*

*Nghid li meta KJ giet tkellimni u wrietni l-ittra u l-kopja tac-cekk, jien ghamilt kumment. Nghid li kien hemm zewg affarijiet fuq ic-cekk: kien hemm il-firem u taht kien hemm l-isem miktub bil-biro u fejn hemm il-logo taghna l-embossment tac-cekk kien jidher ukoll stramb.*

*Nghid li l-ebda cekk, la lokali u lanqas barrani, ma jkun hemm firma u taht it-title, jigifieri, ismu bil-linka. L-embossment kien jidher mhux normali bhal meta tiehu photocopy ta' cekk. Imma jien l-originali ma kontx rajtu c-cekk.*

[7] *A Fol.* 89-91

*Jien, ghalkemm l-ilmentatrici tghid li jien ghidt li ovvja li hu falz, nghid li dak id-diskors ma ghidtux. Ghidt biss li c-cekk, fil-fehma tieghi, kien stramb. Staqsejt lill-klijenta kif waslu ghandha c-cekkijiet u spjegatli li kienet rat artiklu fuq it-Times of Malta li kien hemm 'Personal Assistant needed' (Dok. A, a fol. 73 mal-affidavit tal-ilmentatrici). Meta staqsejt lill-klijenta ghamlitx ricerka fuq CompStaffing Limited, Swatar, u qaltli li le, jien dak il-hin ghamilt Google search fuq il-kumpanija u ma telali xejn. Imbaghad, ghidt lill-klijenta li l-kaz fih certu sensittività ghaliex il-kumpanija ma tezistix u mhix registrata.*

*Nghid li l-kaxxiera ma kellimthiex ghaliex ma kellix ghalfejn inkellimha. Ghaliex kif spjegajt fuq il-procedura taghna, naraw x'naraw fuq ic-cekk, dan bilfors irid jghaddi fil-kont; imbaghad, meta jghaddu d-days tal-clearing, ahna naraw x'jigri minn hemm.*

*Fuq mistoqsija li qed issirli, jigifieri jekk il-kaxxier jara li evidentament ic-cekk jista' jkun fih xi affarijiet ta' thassib dwaru, allura, kif lill-klijent ma nghidulu xejn, nghid li ahna ma nghidulu xejn u dan ghall-fatt li dak il-hin ahna ma nkunux nistghu nivverifikaw ic-cekk u, allura, ma nistghux nirrifjutawh. F'dan il-kaz, kien id-drawer bank, jigifieri HSBC London, li kellu jara jaccettax ic-cekk jew le.*

*Meta l-klijenti jiffirmaw id-Deposit Slip, fuq wara hemm it-Terms and Conditions tieghu. Qed nesebixxi kopja tad-Deposit Slip standard li qed tigi pprezentata bhala 'Dok AX'. Din il-kundizzjoni li hawn fil-payslip tkopri din l-eventwalità.*

*Nghid li kazi simili ghal tal-ilmentatrici kien hemm, però, fuq cekkijiet Maltin u mhux barranin. Gieli kellna cekkijiet foloz u dejjem uzajna l-istess procedura: li l-ewwel jigu depozitati, imbaghad, wara naraw il-validità taghhom.*

*Dwar training lill-istaff tal-bank biex ikunu jistghu jaghrfu jekk cekk ikunx validu jew le, nghid li jinghata training li jkun estensiv hafna.*

*Minghand il-kaxxier, ic-cekk jghaddi ghand il-Payment Services Department. Dan id-dipartiment jarah ic-cekk, però, xorta ma ghandux il-poter li jirrifjuta c-cekk.*

*Qed nigi mistoqsija galadarba l-istaff jinghata dan it-training estensiv biex jaghrfu cekk hux validu jew le, allura, x'raguni hemm li dawn jekk jindunaw li cekk fih is-suspetti ma jwaqqfuhx, nghid li dan ahna ma nistghux naghmluh - lanqas jien bhala Bank Manager - ghaliex ahna inkunu qed nistennew l-azzjoni li jiehu d-drawer bank. Id-drawer bank jiddeciedi cekk ikunx validu jew le.*

*Ghalhekk, ahna kull min jigi b'cekk ma nkunux nistghux naghtuh flus kontanti, imma, niddepozitaw l-ammont fil-kont tal-klijent.*

*Ghidt li kien hemm kazijiet ohra fejn il-bank kellu cheques foloz lokali u mistoqsija nafx jekk il-bank hax mizuri korrettivi, nghid li l-bank jirrapporta l-kazi lill-pulizija u hemm diversi kazi li qeghdin jigu investigati mill-pulizija.*

*Nghid li dan il-kaz qiehed jigi investigat mill-pulizija ghax irrapportajt jien through l-Fraud Manager taghna, GGG. Nghid li s'issa l-procedura tal-bank ghadha ma nbidlitx minkejja li hemm diversi kazi ta' frodi ta' cekkijiet.*

*F'dan il-kaz, nghid li kien digà ghadda l-Uncleared Effect, u, ghalhekk, imbaghad, hadna l-mizuri. Skont il-payslip li jien ipprezentajt, il-bank izomm id-dritt li jiddebita lill-klijenti jekk kemm-il darba c-cekk ma jghaddix.'*

**L-ilmentatrici qablet fin-nota ta'sottomissjonijiet taghha[8] li l-bank kien qed jagixxi ta' mandatarju taghha u l-punt ta' kontroversja hu jekk il-bank, bhala mandatarju tal-ilmentatrici, qediex l-obbligi tieghu sew jew jekk kienx negligenti fil-qadi tal-obbligi tieghu**.

L-Arbitru jrid jara dan fil-kuntest *tac-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz,*[9] u jiddeciedi l-ilment **'***b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli'.*[10]

L-ilmentatrici ssostni li l-bank kien negligenti ghaliex messu induna mill-ewwel li l-*bank drafts* kienu foloz, u ma messux assikuraha li l-flus kienu dahlu fil-kont taghha. Tghid ukoll li impjegata ohra tal-bank, li tellatha bhala xhud, kienet qaltilha li kellu jkun ovvju ghall-impjegati tal-bank li l-*bank drafts* kienu foloz. Hija tghid ukoll li minhabba n-negligenza tal-bank sofriet danni.

L-Arbitru jrid jissottolineja l-fatt li l-bank bhala mandatarju tal-ilmentatrici kien qed jagixxi fi tranzazzjoni bankarja u li maghha ggorr certi prattici stabbiliti fil-qasam tas-servizzi bankarji. Ghalhekk, biex l-Arbitru jkun ragonevoli u gust irid jara wkoll x'iddecidew il-qrati taghna f'dan il-qasam.

---

[8] *A Fol*. 93-94

[9] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

[10] *Ibid.*

F'dan il-kuntest, l-Arbitru ra s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet: ***Anna Camilleri vs Dr Joseph Agius noe,*** **deciza fil-11 ta' Dicembru 1979,**[11] fejn il-klijenta kienet iddepozitat cekk mal-*Bank of Valletta* u l-kont kurrenti taghha gie ikkreditat bl-ammont tac-cekk. Wara, l-istess bank iddebita l-kont taghha bl-istess ammont ghaliex ic-cekk gie lura bhala '*unpaid*' mill-bank li gie migbud fuqu u, *cioè*, l-*Barclays Bank International Ltd*, peress li kien sar *stop payment.*

Il-Qorti qalet hekk:

'*Kif sew eccepixxa l-konvenut (il-Bank of Valletta), hu accetta c-cheque u akkredita originarjament il-kont tal-attrici soggett ghal kondizzjoni li dan ic-cheque jigi debitament accettat o onorat mill-Barclays Bank. Ghalhekk il-konvenut nomine kien korrett meta hu rega addebita l-kont tal-attrici meta c-cheque gie ritornat lilu, minhabba li t-traent tac-cheque kien ordna stop payment.'*

L-Arbitru jaghmel referenza wkoll ghal dak li ddecidiet u qalet il-Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza fl-ismijiet ***Maresco Trading Ltd vs HSBC Bank Malta plc*, deciza fil-31 t'Ottubru 2014** fejn, fost affarijiet ohra, qalet:

'*Is-socjetà attrici, f'dan il-kaz, tat mandat lill-bank biex dan isarraf l-istess fi flus. Il-mandatarju, però, ma jobbligax ruhu personalment li ser jaghti flus lill-mandant, izda li juza d-diligenza mehtiega waqt li jwettaq l-inkarigu lilu moghti (Artikolu 1874 tal-Kodici Civili). Il-bank konvenut, bhala semplici mandatarju, intrabat biss li jipprova jsarraf ic-cheque, u r-responsabbilità tieghu ma tmurx oltre. Il-fatt li l-bank accetta l-inkarigu, ha c-cheque u kkredita l-kont tas-socjetà attrici bil-flus li jidhru fuq ic-cheque, ma jfissirx li l-bank qed jiggarantixxi li l-flus huma issa tas-socjetà attrici. Kif qalet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Camilleri v. Agius noe, deciza fil-11 ta' Dicembru, 1979, meta bank jaccetta cheque ta' haddiehor u jakkredita l-kont tal-kreditur, dan f'kull kaz ikun sar taht kundizzjoni li c-cheque jigi onorat mill-bank l-iehor, b'mod li jekk ma jigix hekk onorat, il-bank li lilu nghata c-cheque ikollu d-dritt jiehu lura l-flus u jiddebita l-kont tal-kreditur.'*

Il-kaz li ghandu quddiemu l-Arbitru jixbah hafna l-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell li qed jigi kkwotat. F'dak il-kaz, wara li l-bank kien iddepozita l-flus fil-kont ta' min kien ghaddielu c-cekk, kien anke ghadda l-perjodu tal-*clearing* tac-cekk u

---

[11] Sentenza mhux pubblikata li tinsab fl-arkivji tal-Qorti

xorta wahda l-Qorti tal-Appell irriteniet li l-bank bhala mandatarju tal-klijent kellu biss l-obbligu li jipprova jsarraf ic-cekk u l-inkariku tieghu ma kienx jammonta ghall-garanzija li, fil-fatt, tali cekk kien ser jissarraf. Jekk ma jissarrafx kellu jiehu l-flus li jkun hareg lura.

Il-fatti tal-kaz odjern huma simili, u l-Arbitru jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Appell ghal dan il-kaz.

L-Arbitru jqis ukoll li din hija prattika bankarja stabbilita li jsegwu kemm il-banek lokali u anke barranin.

L-ilmentatrici tghid li l-bank kien messu induna qabel li l-*bank drafts* kienu foloz u bhala prova tistrieh fuq ix-xhieda ta' ZZ li hija *Manager* tal-provditur tas-servizz. Izda, l-ilmentatrici tistrieh biss fuq il-parti tax-xhieda taghha fejn tghid li l-*bank drafts* normalment ma jkunx fihom firem taht u fejn hemm il-*logo* tal-*HSBC,* l-*embossment* tac-cekk kien jidher ukoll stramb.

Però, l-istess xhud spjegat ukoll xi procedura normalment tintuza, fosthom, li l-kaxxier ma jkunx f'pozizzjoni li jiccekkja jekk cekk ikunx falz jew le u l-bank jiehu c-cekk bil-kundizzjoni li hemm fuq wara tad-*deposit slip* fejn it-*Terms of Conditions* jispjegaw car li jekk ic-cekk jigi irrifjutat, il-bank ikollu dritt ghar-rivalsa.

Tispjega l-procedura billi tghid:

*'Nghid li meta ahna nkunu ser naghmlu cheque deposit ta' cekk barrani, il-klijent, normalment, jigi ghand il-kaxxier. Peress li dak il-hin il-kaxxier ma jkunx jista' jivverifika c-cekk, ahna niehdu ftit taz-zmien biex nivverifikaw dak ic-cekk. Il-kaxxier, f'dak l-istadju, ma jkunx jista' jirrifjuta c-cekk ghaliex anke minhabba cross-border rules inkunu rridu nivverifikaw dak ic-cekk; u cekk biex jigi cleared mill-Ingilterra jghaddu 22 working days.'*[12]

Hija wkoll prassi kostanti li l-banek jispjegaw lill-klijenti li l-bank ikollu bzonn iz-zmien biex jivverifika jekk ic-cekk ikunx ser jigi accettat jew le. F'dan il-kuntest, l-Arbitru jinnota li l-ilmentatrici mhix tilmenta li l-bank ma spjegalhiex dan, u jinnota wkoll li, filwaqt li ressqet bhala xhud lil min tallega li qalilha li c-cekkijiet kienu vizibilment li huma foloz, (haga li x-xhud cahdet) naqset li tressaq l-aktar

[12] *A Fol.* 89

xhud idoneju, jigifieri lil min kien accetta l-*bank drafts,* jigifieri l-kaxxier jew kaxxiera.

Ix-xhud li tressqet mill-ilmentarici kategorikament cahdet li qaltilha li c-cekk '*ovvju li hu falz'* izda qaltilha li fil-fehma taghha '*kien stramb'.*[13]

Però, dan kollu gara wara li l-*bank drafts* gew rifjutati mill-bank barrani; jigifieri ZZ kienet qed titkellem '*with hindsight*'.

Izda, dan kollu ma jibdel xejn minn zewg konsiderazzjonijiet importanti:

1. Li mhux ragonevolment mistenni mill-kaxxier li joqghod jiccekkja c-cekkijiet li jinghatawlu biex jara jekk humiex foloz jew le. Wahda mill-pilastri li fuqha jrid isejjes id-decizjoni tieghu l-Arbitru hija **r-ragonevolezza.**

   L-Arbitru ma jqisx li jkun ragonevoli li wiehed jistenna minn kaxxier li jkollu l-hila u anke c-cans li joqghod jiccekkja kull cekk li jigi depozitat mieghu. Lanqas ma hu prattikabbli li jsir dan. Ghalhekk, dak li ssuggeriet l-ilmentatrici, li l-kaxxiera ghandhom ikunu f'qaghda li jindunaw li cekk huwa falz, la hu prattikabbli u lanqas ragonevoli.

2. Apparti l-fatt li, kif digà ntqal f'din id-decizjoni, il-qrati taghna qiesu li meta bank jaccetta cekk, hija prattika bankarja stabbilita li dan ikun qed isir taht il-kundizzjoni li jekk ic-cekk ma jigix imsarraf ikollu dritt ghar-rivalsa; f'dan il-kaz jidher car li meta l-bank baghat l-avviz tal-kreditu lill-ilmentatrici ghamilha cara fl-istess dokument li:

   '*Customers are also advised that the Bank reserves the right at its discretion to postpone payments of cheques drawn against uncleared effects which may be credited to the account. It is also understood that the Bank reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of effects which are unpaid or lost in transit … plus all charges or in case payment of effects is subsequently countermanded in terms of foreign or local law'.*[14]

[13] *A Fol.* 90
[14] *A Fol.* 11,15,19

Din ir-riserva li ghamel il-bank tirrifletti l-prattika bankarja li giet accettata matul iz-zmien u li jafha anke konsumatur *average* bhalma hi l-ilmentatrici.

***Il-Falsità tal-Bank Drafts***

M'hemm l-ebda kwistjoni li l-*bank drafts* in kwistjoni kienu foloz. L-ilmentatrici accettat dan, izda tghid li peress li l-bank kien iddepozita l-valur taghhom fil-kont taghha, hi xorta kienet intitolata ghall-ammont taghhom ghaliex, in vista ta' dan, hi kienet ghamlet hlasijiet u sofriet danni. Hija tghid ukoll, kemm fl-ittra taghha lill-bank tal-14 ta' Gunju 2018,[15] kif ukoll fl-ilment u x-xhieda taghha, li hija kienet assikurata mill-impjegati tal-bank li l-flus kienu gew ricevuti mill-bank.

Però, ghalkemm l-ilmentatrici kellha l-opportunità li ttella' lil dawn l-impjegati li tghid li assigurawha li l-*bank drafts* kienu ghaddew u l-flus ricevuti, fl-ebda hin ma ressqet lil dawn l-impjegati biex jikkonfermaw dak li allegatament tghid li qalulha. Ghalhekk, l-Arbitru jqis li dak li qalet f'dan il-kuntest ma giex ippruvat. Mhux hekk biss, izda dak li qalet ma jistax ikun verosimili ghaliex l-ebda impjegat ma seta' jghidilha dan ghaliex il-provditur tas-servizz, eventwalment, kellu r-rifjut tal-*bank drafts* mill-bank barrani.

Fl-ebda hin il-provditur tas-servizz ma kellu xi konferma li l-*bank drafts* kienu validi u, ghalhekk, l-ebda impjegat tieghu ma seta' jghid dan lill-ilmentatrici.

Ghalhekk l-ilmentatrici ma tistax tghid li sofriet danni ghaliex strahet fuq l-'*assikurazzjoni tal-bank*' li '*money had been received*'[16] meta din il-garanzija ma gietx ippruvata. Jidher ukoll li l-hlasijiet li ghamlet l-ilmentatrici m'ghamlithomx mill-i*Sterling Account* li fih dahlu d-depoziti relatati mal-*bank drafts* imma l-hlasijiet saru minn kont iehor denominat fl-ewro li kellha l-ilmentatrici mal-istess bank. Dan tghidu l-ilmentatrici lill-bank fl-ittra ta' ilment tal-14 ta' Gunju 2018.[17]

Kif digà intqal f'din id-decizjoni, hija prattika bankarja accettata minn kulhadd li bank jiddepozita l-valur ta' cekk f'isem il-klijent; u hija prattika accettata wkoll li jekk ic-cekk ma jigix onorat, il-bank jiehu flusu lura.

Il-falsità tal-*bank drafts* ghamilha haddiehor u l-fatt li l-ilmentatrici pprezentat cekkijiet foloz ma jwassalx ghall-konkluzjoni li b'daqshekk il-bank kien negligenti.

---

[15] *A Fol.* 8
[16] *Ibid.*
[17] *A Fol.* 8

Jidher li l-ilmentatrici fdat wisq u ma ccekkjajtx sew ma' min kienet qed tikkorrispondi.

Fil-fatt, ZZ spjegat hekk:

'*Staqsejt lill-klijenta kif waslu ghandha c-cekkijiet u spjegatli li kienet rat artiklu fuq it-Times of Malta li kien hemm 'Personal Assistant needed' (Dok. A, a fol. 73 mal-affidavit tal-ilmentatrici). Meta staqsejt lill-klijenta ghamlitx ricerka fuq CompStaffing Limited, Swatar, u qaltli li le, jien dak il-hin ghamilt Google search fuq il-kumpanija u ma telali xejn. Imbaghad, ghidt lill-klijenta li l-kaz fih certu sensittività ghaliex il-kumpanija ma tezistix u mhix registrata.'*[18]

Dan mhux kontestat mill-ilmentatrici tant li hi stessipprezentat l-avviz in kwistjoni mal-*affidavit* taghha.[19]

Mill-provi prodotti f'dan il-kaz, l-Arbitru ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li l-bank kien b'xi mod negligenti.

ZZ spjegat dan kollu u sahqet li mhux biss il-kaxxier ma jistax jirrifjuta cekk izda lanqas hi bhala *Manager* ma setghet taghmel dan:

'*Qed nigi mistoqija galadarba l-istaff jinghata dan it-training estensiv biex jaghrfu cekk hux validu jew le, allura, x'raguni hemm li dawn jekk jindunaw li cekk fih is-suspetti ma jwaqqfuhx, nghid li dan ahna ma nistghux naghmluh - lanqas jien bhala Bank Manager - ghaliex ahna inkunu qed nistennew l-azzjoni li jiehu d-drawer bank. Id-drawer bank jiddeciedi cekk ikunx validu jew le.*

*Ghalhekk, ahna kull min jigi b'cekk ma nkunux nistghux naghtuh flus kontanti, imma, niddepozitaw l-ammont fil-kont tal-klijent.'*[20]

L-Arbitru ma jsib xejn x'jiccensura fil-kondotta tal-bank li twasslu ghall-konkluzjoni li l-bank kien negligenti fil qadi ta' dmirijietu bhala mandatarju tal-ilmentatrici. Segwa prattika bankarja accettata.

**Ma jkun la ekwu, la gust u lanqas ragonevoli li l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-bank kien negligenti fuq il-provi mressqa quddiemu mill-ilmentatrici.**

[18] *A Fol.* 90
[19] *A Fol.* 73
[20] *A Fol.* 91

**Għalhekk, l-Arbitru m'għandux triq oħra ħlief li jiċħad l-ilment. Dan mingħajr preġudizzju għal drittijiet oħra li jista' jkollha l-ilmentatriċi kontra terzi.**

**Minħabba n-natura speċjali tal-każ, kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**